Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 5/2013

**Waste Collection Limited (C58428)**

**vs**

**Il-Bord ta' Revizjoni dwar Kuntratti Pubblici u Kunsill Lokali Valletta u Anthony Zammit**

L-Erbgha, 18 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tal-Bord ta' Revizjoni Dwar Kuntratti Pubblici tad-29 ta' Jannar 2013 in konnessjoni ma' avviz ta' oggezzjoni imressaq quddiemu mill-offerent Anthony Zammit wara li dan hassu aggravat mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Lokali Valletta sabiex is-sejha ghall-Offerti ghal *"Street Sweeping and Cleaning in Residential Areas in Valletta"* tigi moghtija lis-socjeta' offerenti Waste Collection Limited. Fost il-konkluzjonijiet tal-Bord f'din id-decizjoni jirrizulta li (i) uhud mill-ilmenti tal-appellant ma gewx meqjusa gustifikati; (ii) gew identifikati nuqqasijiet da parti tal-Awtorita' Kontraenti u tal-Kumitat t'Evalwazzjoni fil-kors tal-evalwazzjoni tas-Sejha ghall-Offerti in kwistjoni (iii) kemm l-appellant kif ukoll is-socjeta' offerenti rakkomandata dehru li ma fehmux ir-rekwiziti ndikati fid-dokumenti tas-Sejha ghall-Offerti tant li ma mlewhomx korrettement. Il-Bord ikkonkluda wkoll li:

*"3. This Board notes that at the outset the evaluation committee admitted that "all the tenderers failed to fully satisfy the evaluation criteria and the requirements raised by Literature (Volume I, Section 4). Etc etc" Taking full cognizance of this comment in the evaluation report would suffice for this Board to establish that this tender had to be cancelled.*

……

*The Public Contracts Review Board recommends that the contracting authority should ensure that (a) a more coherent tender be published with clearer and unambiguous tender specifications and (b) it abides with the Procurement Regulations when assessing the offers."*

Is-socjeta' offerenti rakkomandata ghall-ghoti ta' din is-Sejha ghall-Offerti Waste Collection Limited appellat mid-decizjoni. Anthony Zammit u l-Bord tal-

Appelli dwar Kuntratti Pubblici wiegbu[1]. Waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2014 id-difensur tas-socjeta' appellanti talab li isem l-appellat "Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubblici" jigi korrett ghal "Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici"[2]. Fis-seduta tad-9 t'Ottubru 2015 dehru biss id-difensur tas-socjeta' appellanti u d-difensur tal-appellat Zammit u ddikjaraw li m'ghandhomx xi jzidu mal-atti.

Il-Qorti rat l-atti.

Il-kaz jitratta dwar tender ghal *"Street Sweeping and Cleaning in Residential Areas in Valletta."* Fid-decizjoni tal-Bord jinghad li *"This call for tenders was published in the Government Gazette on the 2nd October 2012. The closing date for this call with an estimated budget of €509,760 was the 2nd November 2012."* It-tender kien inghata lis-socjeta Waste Collection Limited ghal somma totali ta' €670,505 (inkluz VAT) fuq perjodu ta' erba' snin. Anthony Zammit, wiehed mill-offerenti, appella quddiem il-Bord ta' Revizjoni Dwar Kuntratti Pubblici li b'decizjoni tad-29 ta' Jannar 2013 rrakomanda li l-awtorita pubblika ghandha tizgura li tinhareg sejha ghall-offerti li jkollha 'clear and unambiguous tender specifications' u li taderixxi mar-regolamenti tal-Procurement meta ssir l-evalwazzjoni tal-offerti.

L-appellat Anthony Zammit ta eccezzjoni preliminari fis-sens li r-rikors tal-appell gie prezentat wara t-terminu ta' ghoxrin jum kurrenti mid-data tad-decizjoni finali tal-Bord, skond regolament 85(5) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (LS 174.04). Il-Qorti sejra l-ewwel tistharreg din il-kwistjoni procedurali li minnha jiddependi l-prosegwiment o meno tas-smiegh tal-appell fil-mertu.

Ir-regolament 85 (5) tal-Leglisazzjoni Sussidjarja 174.04, kien jipprovdi:

*"Kull min ikollu nteress u jhoss ruhu aggravat b'xi decizjoni li tittiehed mill-Bord skond dan ir-regolament jista' jirreferi l-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri) kif imwaqqfa skond l-Artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili fi* ***zmien ghoxrin gurnata kurrenti mid-decizjoni finali tal-Bord ta' Revizjoni.****"*

Permezz tal-Avviz Legali 65 tal-2013 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Frar 2013, ir-regolament 85(5) gie emendat u jipprovdi:

*"(5) (a) Kull offerent jew kandidat li ma jkunx sodisfatt bid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni skont dan ir-regolament jista' jappella quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Superjuri) kif kostitwita skont lartikolu 41(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili permezz ta' rikors ppreżentat fir-reġistru*

[1] Risposta ta' Anthony Zammit a fol 17 et seq u risposta tal-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubblici a fol 19.
[2] Fol 28.

*ta' dik il-qorti fi* ***żmien għoxrin ġurnata kurrenti mid-deċiżjoni li fiha d-deċiżjoni finali ssir pubblika.***"
Fil-kaz in ezami d-decizjoni tal-Board ta' Revizjoni inghatat fid-29 ta' Jannar 2013. Dan ifisser li t-terminu ta' 20 gurnata skadew fit-18 ta' Frar 2013 li kien it-Tnejn, meta kien ghadu japplika r-regolament 85(5) kif kien fl-Avviz Legali 296 tal-2010. L-appell gie ntrodott fid-19 ta' Frar 2013, cjoe' gurnata wara li skada t-terminu tal-appell skond ir-regolament 85(5).

Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kaz **Dr Kenneth Grima nomine vs Direttur tal-Kuntratti**, deciz fit-28 ta' Gunju 2013 osservat hekk dwar regolament 85(5):-

*"Illum, l-appell isir lil din il-Qorti (Gurisdizzjoni Superjuri) u dan l-ahhar proviso tnehha, pero' xorta wahda l-appell irid isir fi zmien ghoxrin gurnata kurrenti mid-decizjoni li fiha d-decizjoni finali ssir pubblika.* ***Hu ovvju li meta l-ligi tirreferi ghad-decizjoni finali, qed tirreferi, f'kull kaz, ghad-decizjoni li l-Bord jiehu fuq il-meritu li jkun tressaq quddiemu.*** *Il-Bord ta' Revizjoni ma jiddecidix hu fuq l-aggudikazzjoni, izda jiddeciedi biss fuq it-thassib u l-ilment li jitressqu quddiemu, u meta l-Bord iddecieda fuq it-thassib tas-socjeta appellant fil-11 ta' Frar, 2013, il-Bord ta decizjoni finali fuq dak il-meritu, u l-kompetenza tieghu spiccat."*

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni ta' Anthony Zammit u tiddikjara null l-appell li pprezentat Waste Collection Limited. Spejjez a karigu tal-appellanti.**

Anthony Ellul